# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum it-12 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 451 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Biondy Clayd RAAFENBERG**

ll-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-19 ta' Frar 2018 fil-konfront ta' Biondy Clayd RAAFENBERG, karta tal-identità bin-numru 79399A li ġie mixli, in suċċint, talli nhar bejn it-18 ta' Novembru 2018 u x-xhur ta' qabel:

   naqset milli thares wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqa mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), li bih inghata il-helsien mill-arrest. (Art 579(1) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Ghaldaqstant, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat u kif ukoll tarresta lill-imputat mill-gdid u s-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta (Art 579(2) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ddikjarat li fuq l-ammissjoni tal-imputat li kienet volontarja u inkondizzjonata hija kienet qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-artikoli 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, irrevokat il-ħelsien mill-arrest u ordnat ir-ri-arrest tal-imputat u kkundannatu għal sitt xhur priġunerija. Dik il-Qorti f'dawk iċ-ċirkostanzi iddeċidiet li ma tordnax il-konfiska tad-depożitu u tal-garanzija.

3. Illi minn din is-sentenza l-Avukat Ġenerali interpona appell permezz ta' rikors datat 28 ta' Diċembru 2018 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha, in linea preliminari, li tannulla u tħassar is-sentenza appellata jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet il-ħtija fl-imputat appellat, fejn imponiet piena ta' sitt xhur priġunerija u fejn ordnat ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-appellat filwaqt li tħassarha f'dik il-parti fejn iddikjarat li l-ammont stabbilit fil-garanzija ma jiġix konfiskat favur il-Gvern ta' Malta u minflok għalhekk tordna li l-istess ammont komplessiv t'għaxart elef euro jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

4. L-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa dupliċi :

(a) Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati hija nulla minħabba li fil-parti dispożittiva l-Qorti ċċitat l-artikolu 579(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali meta fil-verita suppost li kellha tiċċita l-artikolu 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali. L-artikolu 579(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi għal żewġ xenarji alternattivi u b'hekk ma setgħax issib ħtija kemm taħt l-artikolu 579(1) u taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. Dan kien jammonta ta' nuqqas ta' formalita sostanzjali li bis-saħħa tiegħu il-Qorti tkun tista tipproċedi biex tiddekreta n-nullita tas-sentenza;

(b) Sussidjarjament li meta l-Qorti ġiet biex teroga l-piena wara sejbien ta' ħtija hija imponiet piena ta' sitt xhur priġunerija u ordnat ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u r-riarrest tal-imputat appellat iżda minflok ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont stabbilit fil-garanzija il-Qorti iddeċidiet li ma tordnax il-konfiska tad-depożitu u l-garanzija. Dan ma kienx possibbli għall-Qorti tal-Maġistrati in kwantu l-konfiska kienet tassattiva bis-saħħa tal-Liġi.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi minn qari tas-sentenza huwa minnu li fil-parti dispożittiva l-Qorti tal-Maġistrati ikkwotat l-artikolu 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali. Dawn huma wkoll is-sub-artikoli tal-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali li jidher li wkoll ġie kwotat mill-Uffiċjal Prosekutur meta kiteb l-imputazzjoni fuq iċ-ċitazzjoni. Probabbilment il-Qorti ġiet żgwidata b'dan meta fil-parti

dispożittiva tas-sentenza tagħha hija kkwotat l-artikolu 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali.

6. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li :

> Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

7. Mill-qari tal-parti dispożittiva jirriżulta li l-Qorti f'dan il-każ semmiet l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali li jikkontempla r-reat peress li indikat l-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali – anżi hija inkludiet l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali li huwa preċiżament dak l-artikolu li jikkontempla r-reat f'dan il-każ. Biss jirriżulta verament li hemm imsemmi wkoll l-artikolu 579(1) tal-Kodiċi Kriminali. Minn qari taċ-ċitazzjoni jirriżulta li l-Uffiċjal Prosekutur irrifletta fiċ-ċitazzjoni id-diċitura tal-artikoli 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali iżda erronjament indika n-numri tal-artikoli bħala 579(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti tal-Maġistrati għamlet l-istess żball.

8. Iżda kemm peress li
   (a) l-artikolu li jikkontempla r-reat ġie inkluż mill-Qorti tal-Maġistrati fil-parti dispożittiva tas-sentenza,
   (b) jirriżulta li dan kien *lapsus calami vel computeri* ġenwin,
   (c) mill-kliem użat sabiex jiġi deskritt ir-reat ma hemmx dubju li dak li l-Uffiċjal Prosekutur u l-Qorti kienu qegħdin jirreferu għalih huwa ċar li kien l-artikolu 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali

(d) mill-piena imposta u mill-konsegwenzi naxxenti mill-piena imposta jirriżulta li dak li l-Qorti erogat u imponiet kienu jaqblu ma dak dispost fl-artikolu 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali;

(e) żgur li l-Qorti tal-Maġistrati ma kkonfondietx l-artikolu 579(1) ma 579(2) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu ma imponietx is-sanzjoni imsemmija fl-artikolu 579(1) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu ma ordnatx il-konfiska tas-somma imsemmija fl-obbligazzjoni kif stipulat f'dan is-subartikolu **u** l-ħruġ ta' mandat t'arrest kontra tal-appellat;

din il-Qorti ma tqisx li f'dan il-każ jeżistu l-estremi li tqis tali nuqqas bħala li tammonta għal nuqqas ta' formalita sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali li jġib il-konsegwenza li din il-Qorti tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u tgħaddi biex tiddeċiedi hi l-kawża mill-ġdid fuq il-meritu skont l-imsemmi sub-artikolu b'mod li ma tkunx marbuta bis-subartikolu 7 tal-artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali[1] jew tiddisponi minnha skont il-ġurisprudenza alternattiva li tisħaq fuq il-benefiċċju tad-doppju eżami.

9. F'dan il-kwadru għalhekk din il-Qorti qegħda tiċħad il-preġudizzjali tan-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sollevata mill-Avukat Ġenerali. B'hekk sejra tgħaddi biex tistħarreġ it-tieni aggravju tiegħu.

---

[1] Ara s-sentenza ***Il-Pulizija vs Frank Zarb, Joseph Grech u Mario Bugeja,*** Qorti tal-Appell Kriminali deċiż nhar it-28 ta' Lulju 1995.

*Ikkunsidrat : -*

10. Illi kwantu għat-tieni aggravju, l-Avukat Ġenerali għandu raġun. Fil-każ ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tal-Maġistrati ma għandhiex diskrezzjoni jekk tordnax li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandux jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta jew le. Il-Liġi hija tassattiva u bla kantunieri. Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja :

(a) il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien; **u**

(b) l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta; **u**

(c) minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'dan ir-reat għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest; **u**

(d) il-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna; **u**

(e) il-proċedimenti għal dan ir-reat ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza; **u**

(f) Il-Pulizija tista tidħol f'kull fond biex tiżgura li l-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti jkunu qegħdin jiġu mħarsa; **u**

(g) Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajr mandat kull persuna suspettata ta' reat ta' ksur ta' kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.

11. F'dan l-isfond kollu għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx fis-sentenza tagħha ma tordnax il-konfiska tad-depożitu u tal-garanzija. L-appell tal-Avukat Ġenerali jimmerita li jiġi milqugħ.

## *Deċide*

Għaldaqstant, din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali in parti u għaldaqstant filwaqt li:

**tikkonfermaha :-**

(a) fejn sabet il-ħtija fl-imputat appellat u għall-fini ta' dan l-appell din il-Qorti tqis li l-imputat appellat ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati ai termini tal-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali;

(b) fejn imponiet il-piena ta' sitt xhur priġunerija; u

(c) fejn ordnat ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-appellat; u

**tħassarha** f'dik il-parti fejn iddikjarat li l-ammont stabbilit fil-garanzija ma jiġix konfiskat favur il-Gvern ta' Malta; u

**minflok** tordna wkoll li l-istess ammont komplessiv t'għaxart elef euro jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***